IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 67

# 29 ta` Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

### 67.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija

### 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 65(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**<u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

67.2.1 Is-Sindku talab sabiex tintbghat email lill-organizatturi li ser jtellu l-Obstacle Challenge dwar il-kundizzjoni ta` Triq ta` Toqba, peress li tinstab fi stat perikoluz biex isiru attivitajiet bhal dawn. Il-Kunsill qabel li mhux ser jerfa` l-ebda responsabilta jekk jinqala` xi incident. *(Minuti 65(07) 65.3.4)*

### 67.3 Korrispondenza

67.3.1 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jigi nfurmat minn dawk li huma interessati li jattendu ghal konferenza li ser ssir gewwa Nizza di Sicilia. Il-Kunsilliera, is-Sur Eman Zerafa u s-Sur Trevor Mizzi wrew l-interess. Is-Sindku zied jghid sabiex huwa flimkien mall-Kunsillier Anton Gellel jinghaqdu maghhom fil-gurnata tal-iffirmar hekk kif ser ikunu qeghdin jattendu ghal konferenza ohra gewwa Braga, l-Portugal.

67.3.2 Is-Sindku ghamel referenza ghall-artiklu li deher fuq il-gazzetta "In-Nazzjon", fejn spjega li dak li ntqal fuq il-gazetta huwa dak kollu li ntqal minn naha tieghu u huwa kollu verita, liema diskors intqal ukoll waqt il-laqghat tal-Kunsill.

18:30hr Is-Sur Lawrence Attard talab biex jigi skuzat

67.3.3 Prezentata l-korrispondenza dwar l-skema tal-attivitajiet kulturali ghas-sena 2019, fejn il-Kunsill informa lid-Dipartiment li din is-sena l-attivita tal-Birgufest ser ssir bejn il-11 u 13 ta` Ottubru 2019.

67.3.4 Prezentata korrispondenza li ntbghatet minn TEN08 dwar zewg attivitajiet li ser jorgnizzaw matul din is-sena fosthom il-*musical* Jesus Christ Superstar gewwa Couvre Porte matul il-jiem tal-Gimgha Mqaddsa u f`Lulju l-attivita tal-Vittoriosa Wine Festival li ser ssir gewwa Couvre Porte wkoll. Dwar dan il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma sa l-ebda ogezzjoni biex jitellghu dawn l-attivitajiet.

67.3.5 Moqrija korrispondenza li ntbghatet lill-Arcipriet dwar sgazz tal-katnazz tac-cimiterju. Din l-azzjoni mhux l-ewwel darba li saret u ghalhekk il-Kunsill qed jitlob sabiex tigi nstallata cctv camera biex dan l-att vandalu jigi imrazzan jew ossija jinqabad minn qed jaghmel dan l-att. Il-Kunsill qabel li jiehu hsieb li jara l-filmat jekk dejjem din il-cctv camera isir minn naha tal-Kapitlu.

67.3.6 Prezentata l-korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar l-flus li l-istess Kunsill ircieva relatata mall-Ex Capital and Cities Fund. L-ammont li l-Kunsill ircieva ghal matul din is-sena kienu ta` €35,000.

67.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie avvicinat mis-Sur Noel Castillo sabiex tigi mtella` attivita tal-Karnival nhar is-Sibt 2 ta` Marzu 2019 bejn sitta u tmienja ta` filghaxija. Il-Kunsill ivvota sabiex ghal din l-attivita tintefaq is-somma ta` mhux aktar minn hames mitt ewro.

67.3.8 B`referenza ghall-hatra ta` DPO mall-Kunsill Lokali tal-Birgu, il-Kunsill qabel unanimament li jahtar lis-Sur Ian Magro, rapprezentat tal-AKL biex ikun DPO tal-Kunsill u dan ghal fatt li l-Kunsill m`ghandhux impjegati bizzejjed biex jahtar lil xi hadd.

67.3.9 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva l-fondi tal-*bicycle racks* mill-Ministeru tal-Finanzi.

67.3.10 Gie prezentata site plan ta` fejn gew proposti li jigu nstallati iz-zewg munumenti tal-Peace & War. Is-Sindku spjega li l-post li gie proponut mill-Kunsill kien fuq il-Belveder fejn Couvre Porte. Zied jghid li huwa mportanti li dawn il-munumenti jersqu aktar lura biex jithalla aktar spazju fin-nofs.

67.3.11 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill ghandhux kamra x`jiprovdi sabiex tkun tista` tintuza minn Identity Malta sabiex toffri servizz ghal dawk l-Inglizi li jghixu Malta minhabba sitwazzjoni tal-Brexit. Il-Kunisll informa lid-Dipartiment li l-Kunsill jista` joffri zewgt`ikmamar li ghandu fil-Berga tal-Ingliterra.

67.3.12 Giet prezentata korrispondenza dwar installazjoni tal-bus shelters fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill issugerriexa sabiex jigu nstallati tlett bus shelters fi tlett siti li fil-prezent ghad m`hemmx. Dawn huma taht il-ground tal-Fortini fi Triq San Dwardu, Fuq tal-Hawli fi Triq Dawret l-Isptar, u fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa. Dwar il-bus shelter tal-Pjazza, is-Sindku spjega li wiehed ghad irid jara kif din trid tigi nstallata minhabba l-armar tal-festa u minhabba l-wesgha tal-bankina. Is-Sindku ssugerriexa li jsiru zewg tined biex b`hekk ma jigi affettwat xejn. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

67.3.13 Mibughta korrispondenza lill-AKL dwar liema talbiet ghal devoluzzjoni, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu pendenti . Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jitlob devoluzzjoni ghas-Simenta fi Triq La Vallette biex tigi zviluppata. B`vot unanimu dawk prezenti qabblu ma` din il-proposta.

**67.4 Rapporti**

Is-Sindku pprezenta r-Rapport Amministrattiv li gie preparat mis-Segretarju Ezekuttiv u talab jekk hemmx xi emendi li jridu jsiru. Ir-Rapport gie approvat b`vot unanimu.

Is-Sindku prezenta l-performance bonus ta` Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku propona li jinghata l-persentagg ta` 9%. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-performance bonus ta` zewg ex impjegati tal-Kunsill, tas-Sinjorina Naomi Zammit – 4% u tas-Sinjorina Leona Busuttil – 3%. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**67.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ser ssir laqgha mall-Perit Frans Mallia u l-Perita Rita Vella dwar il-progett tal-Bandli.

**67.6 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sur Anton Gellel propona sabiex darba fil-gimgha l-ufficini tal-Kunsill jibqghu miftuha sa` sitta u nofs ta` filghaxija. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**67.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija (7.45pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 12 ta`Frar 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum Tnejn 25 ta` Frar 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |